# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 18 ta' Novembru, 2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**vs.**

**Abigail Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Abigail Muscat bint Carmel u Frances nee' Vassalo, Pieta' fis-27 ta' April, 1985, toqghod It-Tieni Dwejra, Triq il-Huttaf, Mosta detentrici tal-karta tal-identita' numru 238485M

1. Billi hija akkuzata talli fl-24 ta' Dicembru, 2008 ghall-habta ta' 17.00 fi Triq Geronimo Abos, Iklin saqet vettura b'numru APR 085 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habtet ma vettura b'Numru ABF 407 u involontarjament ikkagunat offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Simon Schembri skond kif iccertifika Dr. Kevin Borg (3143) mill-MDH;
2. (a) Saqet l-istess vettura b'manjiera traskurata; (b) perikoluza (c) bla kont;
3. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habtet f'central strip u

involontarjament ikkagunatilha hsarat ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta (Kunsill Lokali Iklin).

4. U aktar talli naqset li tieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'stop'.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 31 ta' Dicembru, 2009,[1] fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

(a) Fl-artikolu 226(1)(b) u 328(c)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 15(1)(a), (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Fir-regolament 2 ta' l-Avviz Legali 94 tas-sena 1969 kif sussegwentement emendat.

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Marzu, 2010,[2] l-imputata Abigail Muscat iddikjarat li hija m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bil-procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Inoltre, fis-seduta tal-15 ta' April 2015, gie verbalizzat li l-imputata izzewwget, u llum kunjomha hu Ancilleri.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti ezebiti u l-atti l-ohra ta' dawn il-proceduri.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

## Il-Fatti

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-24 ta' Dicembru 2008, ghal habta tal-5.00pm sehhet habta bejn zewg vetturi li Triq Geronimo Abos, Iklin.
2. Il-vettura Hyundai Accent, bin-numru tar-registrazzjoni ABF407, li kienet misjuqa minn Simon Schembri kienet niezla minn Triq Geronimo Abos, Iklin, sejra fid-

[1] A fol. 42 tal-process.
[2] Ara fol. 41 tal-process.

direzzjoni tal-by-pass ta' B'Kara. Il-vettura l-ohra, Ford Kia numru ta' registrazzjoni APR085, kienet misjuqa mill-imputata, u kienet hierga minn Triq Guze Galea biex tizbokka fi Triq Geronimo Abos. Ma kien hemm hadd izjed fil-vetturi, apparti x-xufiera.

3. Fl-ahhar tat-Triq Guze Galea hemm *Stop Sign.*
4. Konsegwenza ta' dan l-incident, ix-xufier Simon Schembri sofra ferita fuq in-naha tal-geddum tal-wicc daqs 5 centimetri u kellu bzonn il-punti.[3]
5. Il-vettura ta' Simon Schembri kellha tigi skrepjata, minhabba l-hsarat li sofriet bil-habta.[4]
6. Saret ukoll hsara fis-central strip fi Triq Gironimo Abos, u l-Kunsill Lokali tal-Iklin nefaq is-somma ta' €1051.00 biex irrangaha.[5]
7. Fil-mori ta' dawn il-proceduri Simon Schembri thallas mill-socjeta assiguratrici li kienet tkopri lill-imputata ghat-telf tal-vettura tieghu, kif ukoll ghal feriti gravi sfregju li kellu f'wiccu.[6]
8. Pero, il-Kunsill Lokali tal-Iklin baqa' ma thallasx tad-danni li sofra.[7]

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-Qorti tibda biex tghid, li ghalkemm il-parte civile Simon Schembri thallas ta kollox, u xehed li m'ghandu l-ebda pretensjoni ulterjuri kontra l-imputata, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata huma kollha prosegwibbli mill-pulizija *ex officio,* u ghalhekk ma jehtigux il-kwerela tal-parti civili, u ghalhekk dawn il-proceduri jistghu jitkomplew fuq l-imputazzjonijiet rigwardanti Simon Schembri.

Mir-rapport tal-Pulizija, li sar *a tempo vergine,* jirrizulta li Simon Schembri qal hekk: *"Kont niezel mil-Iklin, hargitli wahda minn fuq Stop Sign u xejn izjed u xejn inqas."* Min-naha l-ohra l-imputata qalet hekk: *"Kont ser nohrog minnn hdejn il-Maypole Bakery sejra fid-direzzjoni tan-Naxxar u mbaghad ma nafx x'gara aktar u sibt ruhi f'ambulanza."*[8]

---

[3] Ara xhieda ta' Dottor Kevin Borg a fol. 15 tal-process, u c-certifikat mediku minnu rilaxxat a fol. 2 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Simon Schembri a fol. 21 tal-process.
[5] Ara xhieda Alfred Naudi a fol. 29 tal-process u d-dokument Dok AN minnu ezebit a fol. 32 tal-process.
[6] Ara xhieda ta' Simon Schembri a fol. 58 tal-process.
[7] Ara xhieda ta' Etienne Montford, segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali a fol. 63-64 tal-process, u x-xhieda ta' John Lentini, rapprezentant ta' AllCare Insurance Limited a fol. 65-66 tal-process.
[8] Ara rapport tal-Pulizija esebit bhala Dok SS a fol. 23 *et seq.* tal-process.

Quddiem din il-Qorti Simon Schembri xehed hekk: *"Jiena kont niezel min-nizla ta' l-Iklin, direzzjoni lejn B'Kara. Kif qbadt ir-roundabout ta' fejn il-Maypole hargitli karozza u hbattna."*[9] Issa, huwa vera li kif issottometta l-abbli difensur tal-imputata, din ix-xhieda mhix kompatibbli mal-iskizz tal-incident li sar mill-Pulizija,[10] it-trajjettorja tal-13.7 metri *breakmarks* li halliet il-vettura ABF 407, misjuqa minn Schembri, ma jikkorraborawx din ix-xhieda ghaliex huma dritti. Jekk verament, Schembri kien qed idur mar roundabout it-trajjetorja kienet tkun komplettament differenti. Il-Qorti izzid li din ix-xhieda lanqas hi kompatibbli ma' dak li Schembri qal lil Pulizija a tempo vergine, ghax fir-rapport tal-pulizija, Schembri mkien ma semma' li kien qed idur mar-roundabout.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputata jissottometti illi l-fatt li l-vettura misjuqa minn Schembri halliet 13.7 metri breakmarks jindika li kien qed isuq b'velocita eccessiva ghal dawk l-inhawi. Issa skond paragrafu 281 tal-Highway Code, breakmarks ta' 14-il metru jindika li l-vettura kienet qed tigi misjuqa b'velocita ta' 50k/h. Skond paragrafu 272 tal-Highway Code, l-ispeed limit ta' vettura fil-kategorija tal-vettura ta' Schembri go built-up area hija ta' 50k/h. Ghalhekk Schembri kien qed isuq b'velocita inqas minn 50k/h u konsegwentement kien qed isuq fil-limiti tal-velocita li tippermetti l-ligi.

Inoltre, jibqa' l-fatt li l-imputata kienet hierga minn *side street* li fl-ahhar taghha kellha Stop Sign. Mill-iskizz tal-Pulizija jidher li mill-Istop Sign kellha vizwali tajba tat-Triq Geronimo Abos, u ghalhekk setghet tara l-vettura ta' Schembri gejja. Ladarba l-imputata kienet se tittraversa triq principali, hija kellha l-obbligu li tieqaf thares biex tesplora t-triq principali u ma tazzardax tirfes fuqha jekk mhux qabel tkun accertat ruhha illi t-traffiku fuq it-triq principali jippermetti li tghaddi u li tkun tista' tirfes fit-triq principali minghajr ma ttellef b'xi mod lill-utenti ta' dik it-triq.

Huwa ovvju li l-imputata ma waqfitx fuq l-istop sign biex tivverifika t-traffiku li kien ghaddej fit-triq principali, u konsegwentement ma ratx il-vettura ta' Schembri gejja fit-triq principali. Konsegwenza ta' dan in-nuqqas taghha, sehh l-impatt bejn iz-zewg vetturi.

[9] Ara xhieda ta' Simon Schembri a fol. 18 tal-process.
[10] Ezebit a fol. 26 tal-process.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Magri**, deciza fid-19 ta' Frar 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[11] irriteniet hekk:

*"Illi jidher assodat illi n-nuqqas li ghandu jirrispondi ghalih l-appellant jikkonsisti fil-fatt li huwa ma waqafx kompletament fuq l-istop sign u, ghalkemm naqqas l-ispeed, baqa' hiereg u kif - taqbel il-prosekuzzjoni- dan in-nuqqas jinkwadra ruhu aktar taht ir-reat ta' sewqan b'manjiera traskurata milli dak ta' sewqan perikoluz fejn skond il-gurisprudenza stabbilita jkun hemm bzonn ta' grad ferm oghla ta' sewqan hazin minn dak riskontrat fil-kaz in ezami.*

*Illi gie ritenut minn din il-Qorti fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs Anthony Chircop" (11.4.2002) li :- "Kif gie citat minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tal-lum stess fil-kawza "Il-Pulizija vs Domenic Fenech" gie dejjem ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li l-kwistjoni jekk sewqan hux (i) negligenti; jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree" (Ap. Krim. Pul. vs Charles Bartolo 14.3.59; Pul. vs. Wilson, Vol XXXIX, p 1018 u Pul. Vs. Alfred Vella, Vol. XLIV p 933) u, kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pu. Vs. Charles Farrugia, Vol. XXXIX, p. 1018). "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. Pul. Vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece, sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri, Vol. XLIV p. 892).*

In vista ta' dan l-insenjament, il-Qorti ser issib lill-imputata hatja ta' sewqan traskurat ai termini tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Matla, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ai termini tar-Regolament 2 tal-Avviz Legali 94/69 (L.S. 65.05).

Rigward l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65, in vista tal-insenjament fuq citat, il-Qorti ma sabitx lill-imputata hatja ta' sewqan bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz.

Rigward l-imputazzjoni li konsegwenza ta' dan l-incident, l-imputata involontarjament ikkagunat offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Simon Schembri, irrizulta li konsegwenza

[11] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono

tal-impatt Schembri kellu ferita fuq in-naha tal-geddum tal-wicc daqs 5 centimetri, li kellha bzonn il-punti.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol**, deciza fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[12] irriteniet hekk: *"B'mankament (jew fit-test taljan tal-ligi taghna, allura Articolo 222, "deformita") fil-wicc, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe peggioramento d'aspett notevole o complessivo, o per l'entita della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto." (Manzini, V.,* ***Trattato di Diritto Penale Italiano****, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista ssir fir-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin" (****Il-Pulizija v. Emily Zarb****, App. Krim., 15/2/58, Kollezz. Deciz. LXII.IV.1245, 1248). ... ... Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment; dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

Inoltre fis-sentenza **Il-Pulizija v. Francis Dingli** deciza ukoll fit-12 ta' Settembru 1996, il-Qorti tal-Appell Kriminali[13] kompliet tispjega hekk: *"L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom il-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi* ***u*** *permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmm sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzjonijiet differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju, anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u*

---

[12] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano
[13] *Per* Imhallef Vincent DeGaetano.

*jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*[14] (sottolinear u enfasi ta' dik il-Qorti).

Fis-seduta tat-2 ta' Gunju 2014, - hames (5) snin u nofs wara l-incident - gie verbalizzat hekk: *"Il-Qorti mid-distanza tat-tribuna ghall-pedana tax-xhieda osserva li x-xhud PC 1256 Simon Schembri kellu marka f'geddumu lineali ta' circa centimetru u nofs."* Konsegwentement l-isfregju li sofra Schembri huwa mhux biss gravi izda anki permanenti. Pero fl-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali,[15] hemm riferenza biss ghall-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali, li jirreferi ghal feriti involontarji gravi, u m'hemmx referenza ghall-Artikolu 226(1)(a), li jirreferi ghal feriti involontarji gravi u permanenti. Ghalhekk, din il-Qorti, tista' ssib lill-imputata hatja biss li kkagunat ferita involontarja gravi taht l-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali.

L-imputazzjoni tal-hsara involontarja lis-central strip tirrizulta ippruvata.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti kkunsidrat li meta gara l-incident, l-imputata kellha fedina penali nadifa u anke dik aggiornata, hija nadifa.

Ghal fini ta' piena, huwa relevanti li l-parte civile Simon Schembri gie rizarcit id-danni kollha li sofra kemm ghat-telf tal-vettura tieghu, kif ukoll ghall-isfregju li sofra,[16] u ddikjara li ma' ghandu l-ebda pretensjoni ulterjuri kontra taghha.

Pero, il-Kunsill Lokali Iklin baqa' mhux rizarcit ghad-danni li sofra, probabbilment ghax ma ghamilx claim mas-socjeta assiguratrici li kienet tkopri l-imputata.

Mir-rapport verbali, ordnat minn din il-Qorti, jirrizulta li l-imputata dejjem kellha hajja stabbli u xoghol fiss, u li llum il-gurnata hija mizzewga.

[14] Ara wkoll fl-istess sens **Notes on Criminal Law** ta' **Prof. A.J.Mamo** a fol. 228.
[15] Ara fol. 42 tal-process.
[16] Ara xhieda ta' Simon Schembri a fol. 59 tal-process.

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fl-opinjoni tal-Qorti piena karcerarja jew sentenza sospiza mhix idonea.

Mir-rapport verbali, ordnat minn din il-Qorti, l-Ufficjal tal-Probation Charise Boffa qalet li hija tal-opinjoni li l-imputata hija kandidat idoneju biex taghmel xoghol bla hlas fil-komunita. B'dan il-mod l-imputata tkun qed tikkumpensa lis-socjeta ghal hsara li hija ghamlet.

Ghalkemm l-Ufficjal tal-Probation irrakkomandat li s-sieghat ta' dan ix-xoghol bla hlas ikun fil-minimu, minhabba li l-imputata tahdem full time,[17] fl-opinjoni ta' din il-Qorti r-reat ta' ferita gravi involontarja konsistenti fi sfregu huwa reat serju, u ghalkemm taqbel li l-imputata ghandha tigi ordnata taghmel servizz bla hlas fil-komunita, ma taqbilx li dan ghandu jkun fil-minimu stabbilit mil-ligi.

Inoltre, il-Qorti se tikkundanna lill-imputata sabiex tirrizarcixxi lill-Kunsill Lokali tal-Iklin ghad-danni li soffra sabiex irranga is-central strip.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. issib lill-imputata mhux hatja taht l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberaha minnha,
2. wara li rat l-artikoli 226(1)(b), 328(c) u (d) tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 2 tal-Avviz Legali 94 tal-1969 (L.S. 65.05), issib lill-imputata hatja tar-reati kontemplati f'dawn l-artikoli u regolament, u, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qieghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggieha taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita billi taghmel xoghol bla hlas ghal mitejn (200) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

[17] Ara xhieda tal-Ufficcjal tal-Probation Cherisse Ellul a fol. 77 tal-process.

Din l-Ordni qed issir wara li din il-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni u li jekk hija tonqos li tikkonforma ruhha maghha jew taghmel xi reat iehor, hija tkun tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

3. Inoltre, ai termini tal-Artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda tordna lill-hatja thallas lill-Kunsill Lokali Iklin l-ammont ta' elf u wiehed u hamsin Euro (€1051.00).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**